MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru 809/2008

Il-Pulizija
Spettur Yvonne Farrugia)

vs

Giuseppe Maria Cini

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 759154(M), akkuzat talli f'Lulju 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor;

liema hlas, wegheda jew offerta, kien sabiex bhala ufficjal jew impjegat jaghmel dak li kien fi dmir tieghu li jaghmel;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-fatti saljenti li taw lok ghall-akkuzi kontra l-imputat huma li qua impjegat tal-Gvern b'funzjonijiet fost ohrajn ta' Registratur taz-Zwigijiet hu talab ammont ta' flus fis-somma ta' ghoxrin Ewro sabiex jiccelebra zwieg civili. Dan l-imputat ma jinnegahx. Jirrizulta di fatti li kien fil-kors ta' telefonata li saritlu mill-mizzewga prospettiva li l-imputat kien semma dan l-ammont ta' 20 Ewro li jirrizulta li sar proprjament fil-kuntest sabiex ittawwal c-cerimonja. Fil-kors tax-xhieda tal-kwerelanta hi stqarret li lill-imputat jew aktar korrett il-persuna b'isima Giuseppe Cini hi kelmitu biss fuq it-telefon u fl-ebda hin ma tghid jew alludiet li din tal-20 Ewro saritilha bhala kundizzjoni (sottiliear tal-Qorti) ghac-celebrazzjoni taz-zwieg jew biex jigi prolungament ir-rit. Tistqarr il-kwerelanta li f'din it-telefonata gie miftiehem il-hin u l-post u sar diskors ta' kemm kellha tiehu bhala hin ic-cerimonja. F'dan il-kuntest hi tghid li giet mitluba illi biex ic-cerimonja tittawwal aktar minn hames minuti kellha thallas dawn l-20 Ewro. Issa

bhala fatt dan ma jiddiskostax bil-wisq mix-xhieda li ta' l-imputat. Insista biss l-imputat li biex itawwal r-rit, li huwa fehem li l-kwerelanta riditu jdum circa 25 minuta, hu talabha 'token' ta' 20 Ewro bhala apprezzament (l-imputat uza l-kliem 'buona volonta') u li ghamililha cara li kellha kull dritt tirrifjuta. Zied jghid li lill-gharus, li kien cempillu, kien ukoll ipprecizalu li ma kellhomx ihallsu iktar minn dak li titlob l-ligi ghac-cerimonja normali kif ghandha ssir u irribadilu li tal-20 Ewro kienet xi haga zejda u volontarja li kellhom kull dritt jirrifjutaw.

Intant, l-imputat hu akkuzat: (a) li bhala impjegat pubbliku taht il-libsa tal-kariga tieghu esiga dak li l-ligi ma' tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi; (b) talab rigal fi flus sabiex jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel - bi ksur tal-Artikolu 112 u 115 rispettivament tal-Kap 9.

In vena legali il-Qorti tafferma:

- li fil-konfront tal-ewwel dak li jigi esatt jehtieg li jkun taht il-pretest li huwa legalment dovut. Fatt dan li huwa michud mill-imputat u jsib l-appogg tal-parti kwerelanti;
- li fil-konfront tat-tieni jirrizulta car mix-xhieda li hemm mankanti "il concorso delle due volonta'" kif isemmi s-sentenza esebita in atti.

Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------